Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2303

10.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2303

tal-14 ta' Novembru 2025

li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' proċeduri u formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], u b'mod partikulari, l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624 [2] jispeċifika l-proċedura, u jintroduċi sett minimu ta' mudelli, għall-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti ta' investiment għall-fini tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet. Mill-adozzjoni ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kisbu esperjenza fil-qasam tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni u d-Direttiva 2014/59/UE ġiet emendata. Fid-dawl ta' dik l-esperjenza u biex jitqiesu d-dispożizzjonijiet il-ġodda ta' dik id-Direttiva, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat is-sett minimu ta' mudelli għall-ġbir ta' informazzjoni għall-finijiet tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1624 jistabbilixxi proċedura u sett minimu ta' mudelli għall-għoti ta' informazzjoni mill-istituzzjonijiet lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni b'mod li jippermetti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiġbru dik l-informazzjoni b'mod konsistenti madwar l-Unjoni u li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti. Madankollu, l-esperjenza wriet li approċċ armonizzat għall-ġbir ta' dik l-informazzjoni nkiseb biss parzjalment. Għalhekk huwa meħtieġ li dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġi rieżaminat biex titrawwem l-armonizzazzjoni tal-obbligi ta' rapportar madwar l-Unjoni abbażi ta' sett rivedut ta' mudelli li jkopru aħjar il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni b'mod konsistenti. Jenħtieġ li dak ma jipprevjenix lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni milli jiġbru kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqisu meħtieġa biex ifasslu u jimplimentaw pjanijiet ta' riżoluzzjoni jew biex jistabbilixxu obbligi ta' informazzjoni simplifikati f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/59/UE.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp ikopru b'mod effettiv il-grupp ikkonċernat, jenħtieġ li l-obbligi ta' rapportar imposti fuq l-impriżi omm tal-Unjoni ma jkunux limitati għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni biss, iżda jenħtieġ li jikkonċernaw ukoll entitajiet ġuridiċi rilevanti oħra. Madankollu, jenħtieġ li tali rilevanza tiġi delineata kif xieraq biex jiġi eskluż ir-rapportar għal entitajiet li mhumiex rilevanti għall-grupp jew li mhumiex sistemikament importanti. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti biex jiġu identifikati dawk l-entitajiet ġuridiċi tal-grupp li fuqhom jenħtieġ li jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2024/1174 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] emendat id-Direttiva 2014/59/UE billi

[1] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624 tat-23 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' proċeduri u formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1066 (ĠU L 277, 7.11.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1624/oj).

[3] Id-Direttiva (UE) 2024/1174 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' ċerti aspetti tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, (ĠU L, 2024/1174, 22.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1174/oj).

introduċiet, fost l-oħrajn, definizzjoni ta' "entità ta' likwidazzjoni". Sabiex titqies dik id-definizzjoni l-ġdida, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' riżoluzzjoni għall-entitajiet ta' likwidazzjoni, għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni, u għall-entitajiet li jappartjenu għal gruppi ta' riżoluzzjoni. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-obbligi ta' rapportar filwaqt li jitqies jekk l-entitajiet ikkonċernati humiex entitajiet awtonomi, jew jappartjenux għal gruppi, u jekk tali entitajiet jew gruppi ġewx identifikati, jew jinkludux entitajiet li ġew identifikati, bħala entitajiet ta' likwidazzjoni. Dawk l-obbligi ta' rapportar jenħtieġ li jiġu stabbiliti fuq livell individwali, subkonsolidat jew konsolidat b'mod li jiżgura l-proporzjonalità, ma jikkompromettix l-ippjanar effettiv ta' riżoluzzjoni, jeħles lill-entitajiet minn ġabriet paralleli ta' *data* li jkunu ġejjin minn awtoritajiet differenti, u jneħħi punti tad-*data* li jikkoinċidu ma' oqfsa ta' rapportar superviżorju. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' approċċ li jimmodula l-għadd ta' mudelli skont it-tip ta' entità relatriċi kkonċernata. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari wkoll lil gruppi ta' riżoluzzjoni li jikkonsistu f'istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali u l-korp ċentrali nnifsu biex jiġi żgurat li r-rapportar ta' riżoluzzjoni jkopri b'mod effettiv l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati b'mod permanenti mal-korp ċentrali ta' dak il-grupp ta' riżoluzzjoni, il-korp ċentrali nnifsu, u s-sussidjarji rispettivi tagħhom, fuq livell individwali, subkonsolidat u konsolidat.

(4) Sabiex jiġi żgurat ippjanar effiċjenti tar-riżoluzzjoni filwaqt li tiġi ppreservata l-proporzjonalità, il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar ta' riżoluzzjoni jista' jkollu jvarja mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar prudenzjali, meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom *data* adegwata u kredibbli biex iwettqu l-kompiti tagħhom. F'dak il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li r-rapportar ta' riżoluzzjoni ma jiġix imfixkel minn eżenzjonijiet prudenzjali jew minn gruppi ta' riżoluzzjoni mhux soġġetti għal rekwiżiti ta' konsolidazzjoni prudenzjali.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jkunu bbażati fuq sett minimu ta' *data* ta' kwalità u preċiżjoni konsistentement għolja, jenħtieġ li jiġi adottat mudell uniku tal-punti tad-*data*, kif inhi l-prattika fir-rapportar superviżorju. Il-formola unika tal-punti ta' *data* jenħtieġ li tkun tikkonsisti minn rappreżentazzjoni strutturata tal-attributi ta' *data*, u tidentifika l-kunċetti kummerċjali rilevanti kollha għall-finijiet ta' rapportar uniformi għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u jenħtieġ li jkollha l-ispeċifikazzjonijiet kollha rilevanti neċessarji għal żvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet uniformi ta' rapportar tal-IT.

(6) Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kwalità, il-konsistenza u l-preċiżjoni tal-entrati tad-*data* rrapportati mill-istituzzjonijiet, dawk l-elementi tad-*data* jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli komuni ta' validazzjoni.

(7) Minħabba n-natura stess tagħhom, ir-regoli ta' validazzjoni u d-definizzjonijiet tal-punti tad-*data* huma aġġornati b'mod regolari sabiex jiġi żgurat li jikkonformaw, f'kull ħin, mar-rekwiżiti applikabbli regolatorji, analitiċi u tat-teknoloġija tal-informatika. Madankollu, iż-żmien attwalment meħtieġ sabiex jiġu adottati u ppubblikati l-formola unika tal-punti ta' *data* u r-regoli ta' validazzjoni fid-dettall ifisser li mhuwiex possibbli li jsiru modifiki b'mod malajr biżżejjed u f'waqtu li jkun jiżgura forniment permanenti ta' informazzjoni uniformi rigward il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni fl-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji kwalitattivi stretti għall-formola unika tal-punti ta' *data* u għar-regoli komuni ta' validazzjoni li se jiġu ppubblikati b'mod elettroniku mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) fuq is-sit web tagħha. Dan ta' hawn fuq ma jeskludix li l-EBA tista' tippubblika wkoll fuq is-sit web tagħha struzzjonijiet tekniċi biex timla l-formoli u l-mudelli speċifikati f'dan ir-Regolament.

(8) L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/59/UE jobbliga lill-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni jikkooperaw biex jimminimizzaw id-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni. Għal dan l-iskop, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1624 jintroduċi proċedura ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni, li jenħtieġ tinżamm sabiex l-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni jivverifikaw konġuntament jekk l-informazzjoni rikjesta kollha jew parti minnha tinsabx diġà għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti. Meta l-informazzjoni tkun għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, ikun jixraq li din tittrażmettiha direttament lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.

(9) Minħabba l-firxa tal-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1624, huwa xieraq, għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, li jiġi adottat Regolament ta' Implimentazzjoni ġdid u, għalhekk, li jitħassar u jiġi sostitwit ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1624.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-EBA.

(11) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "entità ġuridika rilevanti" tfisser entità fi grupp kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (31), tad-Direttiva 2014/59/UE, għajr entità ta' riżoluzzjoni, li tkun stabbilita fl-Unjoni u tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jipprovdi funzjonijiet kritiċi;

(b) l-ammont tal-iskopertura għar-riskju totali individwali tagħha kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ikun daqs jew jaqbeż il2 % tal-ammont totali konsolidat tal-iskopertura għar-riskju tal-impriża omm tal-Unjoni;

(c) il-kejl tal-iskopertura totali individwali tiegħu msemmi fl-Artikolu 429(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikun daqs jew jaqbeż il2 % tal-kejl tal-iskopertura totali konsolidata tal-impriża omm tal-Unjoni;

(d) l-introjtu operatorju individwali tagħha jkun daqs jew jaqbeż it-2 % tal-introjtu operatorju totali konsolidat tal-grupp ikkalkulat fil-livell tal-impriża prinċipali tal-Unjoni;

(e) l-assi totali individwali tagħha jaqbżu l-EUR 5 biljun;

(f) huwa importanti għall-istabbiltà finanzjarja f'mill-inqas Stat Membru wieħed.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel paragrafu, għal grupp li jinkludi aktar minn entità ta' riżoluzzjoni waħda, entità għandha titqies bħala entità ġuridika rilevanti fejn l-ammont tal-iskopertura għar-riskju totali individwali tagħha jkun daqs jew jaqbeż l2 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel paragrafu, għal grupp li jinkludi aktar minn entità ta' riżoluzzjoni waħda, entità għandha titqies bħala entità ġuridika rilevanti fejn il-kejl tal-iskopertura totali individwali tagħha jkun daqs jew jaqbeż il2 % tal-kejl tal-iskopertura totali tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 2

Rapportar ta' riżoluzzjoni minn istituzzjonijiet li mhumiex parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE

1. L-entitajiet ta' riżoluzzjoni li mhumiex parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) għandhom jissottomettu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni, fuq bażi individwali, l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli kollha stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, ħlief l-informazzjoni msemmija fil-mudelli Z 01.01, Z 04.00, Z 07.02, Z 07.03 u Z 11.00.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

([6]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj).

2. L-entitajiet ta' likwidazzjoni li mhumiex soġġetti għal obbligi simplifikati, li mhumiex parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE, u li għalihom l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx iddeterminat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45c (2a), it-tieni subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, għandhom jissottomettu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni, fuq bażi individwali, l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli Z 01.02, Z 02.00, Z 05.01, Z 05.02, Z 06.00, Z 07.01.1 sa Z 07.01.5, Z 07.04 u Z 09.01 stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. L-entitajiet ta' likwidazzjoni li mhumiex soġġetti għal obbligi simplifikati, li mhumiex parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE, u li għalihom l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun iddeterminat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45c (2a), it-tieni subparagrafu, ta' dik id-Direttiva għandhom jissottomettu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni, fuq bażi individwali, l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli Z 01.02, Z 02.00, Z 03.01, Z 03.02, Z 05.01, Z 05.02, Z 06.00, Z 07.01.1 sa Z 07.01.5, Z 07.04 u Z 09.01 stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Rapportar dwar ir-riżoluzzjoni tal-grupp — gruppi ta' riżoluzzjoni

1. Impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp l-informazzjoni speċifikata fil-formoli Z 01.01, Z 01.02 u Z 08.01 sa Z 09.04 stabbilita fl-Anness I fir-rigward tal-entitajiet kollha tal-grupp.

2. Impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp l-informazzjoni dwar l-interkonnessjonijiet finanzjarji bejn l-entitajiet kollha tal-grupp, kif speċifikat fil-mudell Z 04.00 stabbilit fl-Anness I.

3. Impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp l-informazzjoni speċifikata fil-formoli Z 02.00 stabbiliti fl-Anness I kif ġej:

(a) fuq bażi individwali għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-grupp, inkluża l-impriża prinċipali tal-Unjoni, u għall-entitajiet ġuridiċi rilevanti kollha li huma istituzzjonijiet;

(b) fuq bażi konsolidata jew, fejn applikabbli, fuq bażi subkonsolidata, għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-grupp, inkluża l-impriża prinċipali tal-Unjoni, u għall-entitajiet ġuridiċi rilevanti kollha li għalihom l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun iddeterminat rekwiżit kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, irrispettivament minn jekk dawk l-entitajiet humiex soġġetti għall-Parti Wieħed, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. Impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp l-informazzjoni speċifikata fil-formoli Z 03.01 jew Z 03.02 stabbiliti fl-Anness I kif ġej:

(a) fuq bażi individwali, għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-grupp, inkluża l-impriża prinċipali tal-Unjoni, u għall-entitajiet ġuridiċi rilevanti kollha li huma istituzzjonijiet li għalihom l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun iddeterminat rekwiżit kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-grupp, inkluża l-impriża prinċipali tal-Unjoni, u għall-entitajiet ġuridiċi rilevanti kollha li huma istituzzjonijiet li għalihom l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun iddeterminat rekwiżit kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE irrispettivament minn jekk dawk l-entitajiet humiex soġġetti għall-Parti Wieħed, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5. Impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp l-informazzjoni msemmija fil-formoli Z 07.01.1, Z 07.01.2, Z 07.01.3, Z 07.01.4 u Z 07.01.5 stabbiliti fl-Anness I fil-livell ta' kull Stat Membru li fih jopera l-grupp.

6. Impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp l-informazzjoni msemmija fil-formoli Z 07.02, Z 07.03 u Z 07.04 stabbiliti fl-Anness I fir-rigward tal-funzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin ipprovduti minn kwalunkwe entità fi grupp.

7. Impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, fuq bażi individwali, l-informazzjoni speċifikata fil-formoli Z 05.01, Z 05.02, Z 06.00, Z 07.01.1 sa Z 07.01.5, Z 07.04 u Z 11.00 sa Z 17.00 stabbilita fl-Anness I għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-grupp, inkluża l-impriża prinċipali tal-Unjoni.

8. L-impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, fuq bażi individwali, l-informazzjoni speċifikata fil-formoli Z 05.01, Z 05.02, Z 06.00, Z 07.01.1 sa Z 07.01.5 u Z 07.04 stabbiliti fl-Anness I għall-entitajiet ġuridiċi rilevanti kollha li huma istituzzjonijiet.

9. Il-paragrafu 2, il-paragrafu 3, il-punt (a), u l-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw minkejja kwalunkwe deroga mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali mogħtija f'konformità mal-Artikolu 7(1) jew (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jew kwalunkwe eżenzjoni mill-applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli mogħtija f'konformità mal-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE.

Artikolu 4

Rapportar dwar ir-riżoluzzjoni tal-grupp — gruppi li jinkludu biss entitajiet ta' likwidazzjoni

Impriża prinċipali fl-Unjoni ta' grupp li jinkludi biss entitajiet ta' likwidazzjoni li mhumiex soġġetti għal obbligi simplifikati għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp:

(a) l-informazzjoni speċifikata fil-formoli Z 01.01, Z 01.02, Z 07.01.1 sa Z 07.01.5 u Z 09.01 stabbilita fl-Anness I fir-rigward tal-entitajiet kollha tal-grupp, il-formola Z 02.00 fuq bażi konsolidata, u l-formola Z 04.00 fir-rigward tal-interkonnessjonijiet finanzjarji bejn l-entitajiet kollha tal-grupp;

(b) fuq bażi individwali, għaliha nnifisha u għal kull entità ġuridika rilevanti li għaliha l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx iddeterminat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, f'konformità mal-Artikolu 45c (2a), it-tieni subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli Z 02.00, Z 05.01, Z 05.02, Z 06.00, Z 07.01.1 sa Z 07.01.5, Z 07.04 stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(c) fuq bażi individwali, għaliha nnifisha u għal kull entità ġuridika rilevanti li għaliha l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun iddeterminat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, f'konformità mal-Artikolu 45c (2a), it-tieni subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli Z 02.00, Z 03.01, Z 03.02, Z 05.01, Z 05.02, Z 06.00, Z 07.01.1 sa Z 07.01.5, Z 07.04 stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Aġġustamenti għar-rapportar tar-riżoluzzjoni tal-grupp

1. Għal grupp li l-impriża prinċipali tal-Unjoni tiegħu hija entità ta' likwidazzjoni u li jinkludi entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti dan li ġej:

(a) għal entitajiet fi grupp li jappartjenu għal gruppi ta' riżoluzzjoni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3;

(b) għal entitajiet ta' likwidazzjoni mhux soġġetti għal obbligi simplifikati u li mhumiex parti minn kwalunkwe grupp ta' riżoluzzjoni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4.

2. Għal grupp ta' riżoluzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (83b), (b), tad-Direttiva 2014/59/UE, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ppreżentata minn mill-inqas waħda mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp. Dik l-informazzjoni għandha tkopri b'mod effettiv l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati b'mod permanenti mal-korp ċentrali ta' dak il-grupp ta' riżoluzzjoni, il-korp ċentrali nnifsu, u s-sussidjarji rispettivi tagħhom, fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata, kif xieraq.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta 'Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2033/oj).

Artikolu 6

Frekwenza, dati ta' referenza u data ta' rimessa

1. L-istituzzjonijiet jew, fil-każ ta' gruppi, l-impriżi prinċipali tal-Unjoni għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 kif ġej:

(a) għall-formoli Z 01.01, Z 01.02, Z 02.00, Z 03.01, Z 03.02, Z 04.00, Z 05.01, Z 05.02, Z 06.00 u Z 11.00 sa Z 17.00, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena fir-rigward tal-aħħar jum tas-sena kalendarja preċedenti;

(b) għall-formoli Z 07.01.1 sa Z 07.04, Z 08.01 sa Z 08.05 u Z 09.01 sa Z 09.04, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena fir-rigward tal-aħħar jum tas-sena kalendarja preċedenti.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu, meta l-31 ta' Marzu ma jkunx jum ta' negozju, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-jum ta' negozju ta' wara.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel paragrafu, meta t-30 ta' April ma jkunx jum ta' negozju, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-jum ta' negozju ta' wara.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jispeċifikaw jekk l-informazzjoni għandhiex tiġi sottomessa direttament lill-awtorità ta' riżoluzzjoni jew jekk għandhiex tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti minflok, fejn applikabbli.

3. L-istituzzjonijiet jew, fil-każ ta' gruppi, l-impriżi prinċipali tal-Unjoni jistgħu jissottomettu ċifri mhux awditjati. Meta ċ-ċifri awditjati jiddevjaw miċ-ċifri sottomessi mhux awditjati, iċ-ċifri awditjati, riveduti, għandhom jiġu sottomessi mingħajr dewmien bla bżonn.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, iċ-ċifri mhux awditjati huma ċifri li ma rċevewx opinjoni ta' awditur estern u ċ-ċifri awditjati huma ċifri awditjati minn awditur estern li jesprimi opinjoni tal-awditjar.

5. Il-korrezzjonijiet għar-rapporti ppreżentati għandhom jiġu ppreżentati mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 7

Formati ta' skambju ta' *data* u informazzjoni li jakkumpanjaw is-sottomissjoni

1. L-istituzzjonijiet jew, fil-każ ta' gruppi, l-impriżi prinċipali tal-Unjoni, għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 sa 5, kif speċifikat fil-mudelli stabbiliti fl-Anness I, fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-*data* speċifikati mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, u għandhom jirrispettaw id-definizzjonijiet tal-punti tad-*data* inklużi fil-mudell tal-punt uniku tad-*data* msemmi fl-Anness II u r-regoli ta' validazzjoni msemmija fl-Anness III.

2. Minbarra l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jew, fil-każ ta' gruppi, l-impriżi prinċipali tal-Unjoni għandhom jiżguraw dan li ġej:

(a) il-valuri numeriċi għandhom jiġu sottomessi kif ġej:

(i) il-punti ta' *data* bit-tip ta' *data* "Monetarja" għandhom jiġu rrapportati bl-użu ta' preċiżjoni minima ekwivalenti għal eluf ta' unitajiet;

(ii) il-punti ta' *data* bit-tip ta' *data* "Perċentwali" għandhom jiġu espressi bħala unità b'minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal erba' ċifri deċimali;

(iii) punti ta' *data* bit-tip ta' *data* "Integer" għandhom jiġu rrapportati bla deċimali u bi preċiżjoni ekwivalenti għal unitajiet.

(b) l-istituzzjonijiet u l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jiġu identifikati biss mill-Identifikatur tal-Entità Ġuridika tagħhom;

(c) l-entitajiet ġuridiċi u l-kontropartijiet għajr l-istituzzjonijiet u l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jiġu identifikati mill-Identifikatur tal-Entità Ġuridika tagħhom, fejn disponibbli;

(d) inormazzjoni li mhijiex meħtieġa jew li mhijiex applikabbli ma għandhiex tiġi inkluża f'sottomissjoni ta' *data*.

3. L-istituzzjonijiet jew, fil-każ ta' gruppi, l-impriżi prinċipali tal-Unjoni, għandhom jakkumpanjaw id-*data* sottomessa bl-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data ta' referenza;

(b) munita tar-rapportar;

(c) standard tal-kontabilità;

(d) Identifikatur ta' Entità Ġuridika tal-entità relatriċi;

(e) il-livell ta' applikazzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 2, 3 u 4.

Artikolu 8

Għoti ta' informazzjoni addizzjonali għal pjanijiet ta' riżoluzzjoni individwali jew ta' grupp

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha titlob informazzjoni jew informazzjoni addizzjonali f'format ġdid mill-istituzzjoni rilevanti jew l-impriża prinċipali fl-Unjoni fejn tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp tqis li tali informazzjoni mhijiex koperta minn kwalunkwe mudell stabbilit fl-Anness I u hija meħtieġa biex jitfasslu u jiġu implimentati pjanijiet ta' riżoluzzjoni;

(b) l-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp tqis li l-kisba ta' tali informazzjoni minn entitajiet soġġetti għal obbligi simplifikati hija meħtieġa biex jitfasslu u jiġu implimentati pjanijiet ta' riżoluzzjoni;

(c) il-format li fih tiġi pprovduta informazzjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 9(2) mhuwiex xieraq għat-tfassil jew l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

2. Għat-talba msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha:

(a) tidentifika l-informazzjoni addizzjonali li trid tingħata;

(b) tispeċifika l-perjodu ta' żmien xieraq li fih l-istituzzjoni jew, fil-każ ta' gruppi, l-impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni, b'kont meħud tal-volum u l-kumplessità tal-informazzjoni meħtieġa;

(c) tispeċifika l-format li għandu jintuża mill-istituzzjonijiet jew, fil-każ ta' gruppi, minn impriżi omm tal-Unjoni sabiex tingħata l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(d) tispeċifika jekk l-informazzjoni għandhiex tiġi pprovduta fuq bażi individwali, subkonsolidata jew konsolidata, u jekk il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwiex lokali, madwar l-Unjoni jew globali;

(e) tispeċifika r-riċevitur eżatt, il-formati tal-iskambju tad-data, u l-informazzjoni li għandha takkumpanja s-sottomissjonijiet f'każ li tkun trid tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali.

Artikolu 9

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni għandhom jivverifikaw b'mod konġunt jekk parti mill-informazzjoni jew l-informazzjoni kollha li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 2 sa 5 u l-Artikoli 7 u 8 hijiex diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti.

2. Meta l-informazzjoni kollha jew parti minnha tkun diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti, dik l-awtorità għandha tipprovdi din l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni b'mod f'waqtu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet jew, fil-każijiet ta' gruppi, lill-impriżi prinċipali tal-Unjoni, bl-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi inkluża fis-sottomissjoni tal-informazzjoni skont dan ir-Regolament. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jidentifikaw dik l-informazzjoni b'referenza għall-mudelli stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 10

Tħassir

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1624 hu mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni mħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,l-14 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Mudell	Deskrizzjoni tal-Mudelli	Isem fil-Qosor
Struttura Organizzazzjonali		
Z 01.01	Entitajiet Legali	ORG 1
Z 01.02	Struttura ta' sjieda	ORG 2
Data dwar ir-Responsabbiltà Aggregata		
Z 02.00	Struttura tal-Obbligazzjonijiet	LIAB 1
Z 03.01	Rekwiżit ta' Fondi Proprji — Istituzzjonijiet ta' Kreditu	LIAB 2
Z 03.02	Rekwiżit ta' Fondi Proprji — Ditti ta' Investiment	LIAB 3
Z 04.00	Interkonnessjonijiet Finanzjarji intragrupp	LIAB 4
Z 05.01	Kontropartijiet Ewlenin ta' Responsabbiltà	LIAB 5
Z 05.02	Kontropartijiet Maġġuri tal-Karta tal-Bilanċ	LIAB 6
Z 06.00	Assigurazzjoni ta' Depożitu	LIAB 7
Funzjonijiet kritiċi		
Z 07.01	Valutazzjoni tal-kritiċità tal-funzjonijiet ekonomiċi	FUNC 1
Z 07.02	Immappjar tal-funzjonijiet ekonomiċi mal-entitajiet legali	FUNC 2
Z 07.03	Immappjar ta' linji ta' negozju ewlenin mal-entitajiet ġuridiċi	FUNC 3
Z 07.04	Immappjar tal-funzjonijiet ekonomiċi mal-linji ta' negozju ewlenin	FUNC 4
Servizzi rilevanti		
Z 08.01	Servizzi rilevanti	SERV 1
Z 08.02	Servizzi rilevanti — immappjar tal-assi operazzjonali	SERV 2
Z 08.03	Servizzi rilevanti — immappjar tar-rwoli	SERV 3
Z 08.04	Servizzi Kritiċi — immappjar għal funzjonijiet kritiċi	SERV 4
Z 08.05	Servizzi Essenzjali — immappjar għal-linji tan-negozju ewlenin	SERV 5
Infrastrutturi tas-Suq finanzjarju		
Z 09.01	Servizzi FMI - Fornituri u Utenti	FMI 1
Z 09.02	Servizzi tal-FMI — Immappjar ma' FMIs Kritiċi u Essenzjali	FMI 2
Z 09.03	Servizzi tal-FMI — Metriċi Ewlenin	FMI 3
Z 09.04	Servizzi FMI — CCPs — Fornitur alternattiv	FMI 4
Data dwar ir-Responsabbiltà Granulari		
Z 11.00	Obbligazzjonijiet intragrupp, eskluż Derivattivi	LIAB G 1
Z 12.00	Titoli (Inklużi CET1, AT1 u Strumenti tal-Grad 2; Eskluż intragrupp)	LIAB G 2
Z 13.00	Id-depożiti kollha (minbarra intragrupp)	LIAB G 3
Z 14.00	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn (mhux inklużi f'tabs oħrajn, eskluż intragrupp)	LIAB G 4
Z 15.00	Derivattivi	LIAB G 5
Z 16.00	Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament Garantit, minbarra intragrupp	LIAB G 6
Z 17.00	Obbligazzjonijiet Mhux Finanzjarji Oħrajn (mhux inklużi f'tabs oħrajn, eskluż intragrupp)	LIAB G 7

Z 01.01 — Entitajiet ġuridiċi (ORG 1)

Entità																		
Isem l-entità	Kodiċi	Tip ta' kodiċi	Tip ta' entità	Pajjiż	LEI ta' POE tal-Grupp ta' Riżoluzzjoni	Ir-Rinunzja tal-Artikolu 7 CRR	Ir-Rinunzja tal-Artikolu 8 CRR	Soġġett għall-Artikolu 9 CRR	Ir-Rinunzja tal-Artikolu 10 CRR	Assi totali	L-Ammont Totali tal-Iskopertura għar-Riskju	Kejl tal-Iskopertura Totali	Dħul operattiv totali	Standard kontabilistiku	Il-kontribuzzjoni għall-ammont totali konsolidat tal-iskopertura għar-riskju	Kontribuzzjoni għall-miżura tal-iskopertura totali konsolidata	Kontribuzzjoni għall-introjtu operattiv konsolidat	L-entità ġuridika rilevanti
0010	0020	0025	0040	0050	0055	0070	0080	0090	0100	0110	0150	0160	0170	0210	0260	0270	0280	0320

Z 01.02 - Struttura tas-Sjieda (ORG 2)

Investitur			Destinatarja ta' investiment				Sjieda	
Isem	Kodiċi	Tip ta' kodiċi	Isem	Kodiċi	Tip ta' kodiċi	Fergħa Internazzjonali	Kapital azzjonarju	Drittijiet tal-vot fl-entità
0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090

Z 02.00 - Struttura tal-Obbligazzjonijiet (LIAB 1)

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji ohrajn			
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
												L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Ringiela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0100	**OBBLIGAZZJONIJIET ESKLUŻI MIR-RIKAPITALIZZAZZJONI INTERNA**												

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn			
												Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Ringiela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0110	Depożiti koperti												
0120	Obbligazzjonijiet garantiti – parti kollateralizzata												
0130	L-obbligazzjonijiet lejn klijenti, jekk protetti fl-insolvenza												
0140	L-obbligazzjonijiet fiduċjarji, jekk protetti fl-insolvenza												
0150	Obbligazzjonijiet għal istituzzjonijiet < 7 ijiem												
0161	L-obbligazzjonijiet tas-sistema (operatur) u tas-CCP < 7 ijiem												
0170	L-obbligazzjonijiet għall-impjegat												
0180	Obbligazzjonijiet kritiċi għat-tħaddim operazzjonali ta' kuljum												
0190	Obbligazzjonijiet lejn awtoritajiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali, jekk ippreferuti												
0200	L-obbligazzjonijiet lejn l-SGD												

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn			
												Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Ringiela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0210	L-obbligazzjonijiet lejn entitajiet oħrajn tal-grupp ta' riżoluzzjoni												
0300	**OBBLIGAZZJONIJIET MHUX ESKLUŻI MIR-RIKAPITALIZZAZZJONI INTERNA**												
0310	**Id-depożiti, mhux koperti iżda preferenzjali**												
0311	*li minnhom: maturità residwa <= xahar*												
0312	*li minnhom: maturità residwa > xahar < sena*												
0313	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0314	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												
0320	**Id-depożiti, mhux koperti u mhux preferenzjali**												
0321	*li minnhom: maturità residwa <= xahar*												
0322	*li minnhom: maturità residwa > xahar < sena*												

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2303/oj

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn			
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
												L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Ringiela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0323	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0324	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												
0330	**L-obbligazzjonijiet fuq il-karta tal-bilanċ li jirriżultaw mid-derivattivi**												
0331	*It-total tal-pożizzjonijiet ta' obbligazzjonijiet netti filwaqt li jitqiesu s-settijiet ta' netting kuntrattwali, wara l-aġġustamenti skont il-valur fis-suq, qabel it-tpaċija tal-kollateral*												
0332	*It-total tal-pożizzjonijiet ta' obbligazzjonijiet netti filwaqt li jitqiesu s-settijiet ta' netting kuntrattwali, wara l-aġġustamenti skont il-valur fis-suq, wara t-tpaċija tal-kollateral*												
0333	*It-total tal-pożizzjonijiet ta' obbligazzjonijiet netti filwaqt li jitqiesu s-settijiet ta' netting kuntrattwali, wara l-aġġustamenti skont il-valur fis-suq, wara t-tpaċija tal-kollateral, u filwaqt li jiġu inkorporati l-ammonti stmati ta' close-out*												

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn			
												Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Ringiela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0334	*It-total tal-pożizzjonijiet ta' obbligazzjonijiet netti bil-kunsiderazzjoni tar-regoli ta' netting prudenzjali*												
0340	**Obbligazzjonijiet garantiti mhux ikkollateralizzati**												
0341	*li minnhom: maturità residwa <= xahar*												
0342	*li minnhom: maturità residwa > xahar < sena*												
0343	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0344	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												
0350	**Noti strutturati**												
0351	*li minnhom: maturità residwa <= xahar*												
0352	*li minnhom: maturità residwa > xahar < sena*												
0353	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0354	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2303/oj

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn			
												Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Rin-giela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0360	**L-obbligazzjonijiet prijoritarji mhux garantiti**												
0361	*li minnhom: maturità residwa <= xahar*												
0362	*li minnhom: maturità residwa > xahar < sena*												
0363	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0364	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												
0365	**L-obbligazzjonijiet privileġġjati mhux bi preferenza**												
0366	*li minnhom: maturità residwa <= xahar*												
0367	*li minnhom: maturità residwa > xahar < sena*												
0368	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0369	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn			
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
												L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Rin-giela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0370	**L-obbligazzjonijiet subordinati (mhux rikonoxxuti bħala fondi proprji)**												
0371	*li minnhom: maturità residwa <= xahar*												
0372	*li minnhom: maturità residwa > xahar < sena*												
0373	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0374	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												
0380	**Obbligazzjonijiet eliġibbli għal MREL oħrajn**												
0381	*li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn*												
0382	*li minnhom: maturità residwa >= sentejn*												
0390	**L-obbligazzjonijiet mhux finanzjarji**												
0400	**L-obbligazzjonijiet residwali**												
0500	**FONDI PROPRJI**												

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2303/oj

		Kontroparti											
		Unitajiet domestiċi		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (SMEs)		Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (mhux SMEs)		Istituzzjonijiet ta' kreditu		Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn			
												Li minnhom kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	
		L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat	L-ammont pendenti	Ammont Riportat
Ringiela	Partita	0010	0011	0020	0021	0030	0031	0040	0041	0050	0051	0055	0056
0510	**Il-Kapital ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni**												
0511	*li minnhom: l-istrumenti ta' kapital/il-kapital tal-ishma*												
0512	*li minnhom: l-istrumenti klassifikati pari passu mal-ishma ordinarji*												
0520	**Kapital tal-Grad 1 addizzjonali**												
0521	*li minnhom: (parti mill-) obbligazzjonijiet subordinati rikonoxxuti bħala fondi proprji*												
0530	**Il-Kapital ta' Grad 2**												
0531	*li minnhom: (parti mill-) obbligazzjonijiet subordinati rikonoxxuti bħala fondi proprji*												
0600	**L-OBBLIGAZZJONIJIET U L-FONDI PROPRJI TOTALI INKLUŻI L-OBBLIGAZZJONIJIET DERIVATTIVI**												
0800	**EKWITÀ TOTALI**												

